# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***


**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 79**

**Nhar l-Erbgħa 9 ta' Jannar 2019, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 79 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 9 ta' Jannar 2019, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Mario Sammut - Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:14pm.

ii. Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

79.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

79.4 Korrispondenza

79.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

79.6 Rapporti;

79.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

79.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;

79.9 Mozzjonijiet;

79.10 Prepramenti ta’ Ġieħ l-Imġarr 2019

79.11 Tmiem tal-Laqgħa u data għal-laqgħa li jmiss

**79.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

79.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva nota ta’ apoloġija għal din il-laqgħa, mingħand il-Kunsillier Mario Sammut, li ma setgħax jattend1 għal din il-laqgħa.

79.1.1.i Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta din in-nota u għalhekk dan il-Kunsillier tniżżel bħala assenti b’ apoloġija.

**79.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

79.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**79.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

79.3.1 Is-Sindku informa bil-proġett li l-4 zoni fil-Housing Estate li qabel kellhom il-bandli jinbidlu f' 'outdoor gyms' biex b' hekk din iz-zona qrib il-grounds tal-football u tat-tennis tiġi zona sportiva. Ser tiġi installata wkoll sistema ta' dawl għall-dawn l-4 zoni.

**79.4 Korrispondenza**

79.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

79.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet saret it-talba sabiex il-Ministru jagħti il-permess li x-xogħol tal-ġiebja, ħitan tas-sejjieħ u xogħlijiet oħra fis-sit Tal-Facciol isir permezz ta' Direct Order peress li il-Kunsill ma kienx irċieva l-ebda' offerta għas-sejħa tal-offerti kif ukoll kien hemm diffikultajiet biex jinstab kuntrattur li kien lest li jaħdem dan ix-xogħol. Il-Kunsill issa kien qed jistenna mingħand id-DLG dwar din it-talba.

79.4.3 B' referenza għall-78.4.3 ta' l-aħħar seduta, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas is-somma ta' €600.00 li kienet qed tiġi mitluba minnu mingħand id-Dipartiment tal-Indafa Pubbika fuq servizzi li kienu saru fl-2015.

**79.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

79.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**79.6 Rapporti**

79.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.
Fis-5:47pm, id-Deputat Sindku Eman Vella ħalla l-mejda u reġa' lura fis-5:54pm.

**79.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

79.7.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-Performance Review tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2018. Il-Kunsill approva ir-rapport u l-Performance Bonus ta' 10% lis-Segretarju Eżekuttiv

**79.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

79.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq żewġ skedi ta' pagamenti:

- Skeda ta' Pagament numru 14/2018 li tammonta għal €17,227.06;
- U Skeda ta' Pagament numru 1/2019 li tammonta għall-€10,366.42.

79.8.2 Dawn iż-żewġ skedi ġew approvati mill-Kunsill u iffirmati kif dovut.

**79.9 Mozzjonijiet**

78.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet waqt din il-laqgħa.

**79.10 Preparamenti ta' Ġieħ l-Imġarr 2019**

79.10.1 In-Nominazzjonijiet għall-Ġieħ l-Imġarr 2019 kienu miftuħa u ser ikunu qed jgħalqu nhar l-Erbgħa 23 ta' Jannar.

79.10.2 Is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr ser issir fis-Sala tal-iSkola Primarja nhar il-Ħadd 3 ta' Frar.

**79.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

79.11.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:23pm.

79.11.2 Il-Laqgħa numru 80 tal-Kunsill issejħet għal-nhar l-Erbgħa, 23 ta' Jannar 2019, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***